*Alla lill-bnedmin ta' żmienna, l-aktar fil-familji tagħna, tant sinjuri f'aspirazzjoni, kapaċitajiet, u ħolm, imma tant foqra, fraġli, xi drabi insensittivi u vjolenti fejn tidħol l-offerta tal-ħajja fl-għixien, kif uriena Alla fl-għerf u l-Imħabba tiegħu.*

Għalhekk quddiem is-sejħa li qed jagħmilli Alla l-Imbierek għal dan il-perjodu f'ħajti, hekk kif murija fir-rieda tas-superjuri tiegħi, hawn preżenti:

***Ħu ħsiebhom, agħti ruħek għalihom***, ħalluni nwieġeb:

*Mulej, mhux waħdi, imma flimkien, bil-għajnuna tagħkom, bl-interċessjoni ta' San Pawl, għodda maħtura ta' Alla u tassew prezzjuża u siewja għall-Knisja, u fuq kollox bl-Imħabba u l-fedelta' tiegħek, o Alla l-Imbierek, li f'Ibnek Ġesù ħabbejtni tant li tajt ħajtek għalija u fl-Ispirtu Qaddis tiegħeK kkonsagrajtni għalik u bgħattni naqdik qalb il-poplu tiegħek. Ammen.*

---

## Id-Djarju tal-Parroċċa – Novembru 2014

**Is-Sibt 1 ta' Novembru**
***Solennità tal-Qaddisin kollha***
Inqaddsu dan il-jum bis-smiegħ tal-quddies - ħinijiet ta' matul il-ġimgħa.

**Il-Ħadd 2 ta' Novembru**
***L-Għid tal-Imwiet*** - *Niftakru u Nitolbu għal ħutna l-mejtin.*
Il-Quddies ikun bħal dak ta' nhar ta' Ħadd:
Filgħodu - 6:45am, 8:15am, u 10:00am.
Filgħaxija - 5:30pm - Quddiesa animata li fiha niftakru b'mod partikulari f'ħutna li mietu matul din is-sena.

**It-Tnejn 3 ta' Novembru**
Fis-6:30pm - Quddiesa b'suffraġju tas-saċerdoti mejtin.

**It-Tlieta 4 ta' Novembru**
Fis-6:30pm - Quddiesa b'suffraġju tal-Fratelli mejtin: Rużarju u Sagrament.

**Il-Ġimgħa 7 ta' Novembru**
***L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar***
Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom
Fis-6:30pm - Quddiesa
Fis-7:00pm - Adorazzjoni

**Il-Ħadd 9 ta' Novembru**
Fit-3:00pm - Quddies u Tberik taċ-Ċimiterju.

**Il-Ġimgħa 14 ta' Novembru**
Fis-7:15pm - Assemblea Parrokkjali bit-tema: *'Il-viżjoni tal-Papa Franġisku għall-parroċċa, skont Evangelii Gaudium'* fil-Knisja Parrokkjali. Kulħadd mistieden.

**Il-Ħadd 23 ta' Novembru**
**Solennità ta' Kristu Sultan**
Ċelebrazzjoni Djoċesana
mill-4:30 sas-6:30pm.

**Il-Ħamis 28 ta' Novembru**
Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**Il-Ħadd 30 ta' Novembru**
***L-Ewwel Ħadd tal-Avvent***
Fit-8:15am - Quddiesa li fiha jsir it-Tberik tal-Girlanda li ser tgħinna biex nippreparaw ruħna għall-Miġja ta' Ġesù.

Disinn u Stampar: Veritas Press, Zabbar. Tel: 21 822 270



# PARROĊĊA KONVERŻJONI TA' SAN PAWL ĦAL-SAFI

**Tel: 21649223**



*Messaġġ tal-Kappillan*

## IL-PARROĊĊA: MERA TAL-QRID jew MERA TAL-FERĦ TAL-VANĠELU?

Veru li qegħdin fix-xahar tal-mejtin, imma meta tisma' lil xi ħadd jgħaddi l-kumment: *"Qisna funeral!"*, jew *"X'togħma ta' mewt!"* għal xi ħaġa li jkun attenda jew għadu qed jattendi, ma tantx iħajjarna naqsmu miegħu l-esperjenza li jkun qed jagħmel. Sfortunatament dan il-kumment ta' spiss jiġi ndirizzat minn diversi persuni, u li m'għadhomx żgħażagħ biss, anke għaċ-ċelebrazzjonijiet, għall-attivitajiet, saħansitra għall-ħajja tal-Knisja in ġenerali.

Għidu l-verità:
Ma ġielix għednieha aħna ukoll, anke dwar fejn nattendu knisja aħna?
Ma' ġielix gergirna dwar dan jew qtjana qiesna u rajna f'min inwaħħlu?
Normalment jeħlu l-Kappillan, jew dawk ta' madwaru, u waqt li bħal donnu ninkeddu, inħallu lil dak li jkun ikompli jagħżaq.

Ħbieb, it-tgedwid u t-tgergir jagħmel il-ħoss imma jwassal għall-ħsara li toqtol kull motivazzjoni, għax bil-kliem biss ma naslu mkien. Il-Papa Franiġsiku dan qalu b'mod ċar ħafna u diversi drabi. U għalhekk li anke hu stess jistieden lil kull nisrani biex jingħaqad ma' ħutu fil-parroċċa, u f'*Evangelii Gaudium* jipproponi diversi punti ta' riflessjoni u ta' azzjoni biex il-Parroċċa tkun tassew ħajja, mimlija bl-entużjażmu, u bil-ferħ ġenwin, rigal ta' Alla.

***Il-Papa Franġisku dwar il-karatterstiċi tal-Parroċċa***

Il-Papa jgħid li l-persuni li jemmnu u li jiffurmaw il-parroċċa:

1. Iridu jiġġeddu minn żmien għal żmien billi jagħmlu riflessjonijiet, adattamenti u għażliet li jirriflettu l-fidi tagħhom fi Kristu fiż-żmien li qegħdin fih.
2. Iridu jkunu ospitali u kreattivi.
3. Iridu jkunu f'kuntatt mal-ħajja u mad-djar tan-nies, biex hekk jevitaw li jsiru struttura maqtugħa mill-poplu jew klikka ta' nies magħżula.
4. Joħolqu ambjent fejn il-Kelma t'Alla tixxandar u tinstema', fejn tingħata qima u tkun ċċelebrata, u fejn tingħex b'impenn ta' qadi u karità, l-aktar ma' dawk fil-bżonn.
5. Għandhom jissaħħu fir-relazzjoni personali ma' Ġesù Kristu, billi jiskopruh dejjem aktar u jxandruh.
6. Għandhom jinbnew dejjem aktar fl-għaqda u fil-parteċipazzjoni, waqt li qatt ma jinqatgħu għal rashom.
7. Ma jridux biss iħarsu l-fidi, imma saħansitra jkollhom ħeġġa u imħabba speċjali għall-missjoni, biex il-fidi tinstab u tingħex minn min għadu nieqes minna.
8. Ikunu persuni, komunità ta' dixxipli missjunarji, li jfittxu lil dawk li tbiegħdu.

*ikompli f'paġna 2*

ikompli minn paġna 1

9. Iridu jagħtu każ tal-frott, jieħdu ħsiebu bis-sabar, u jiċċelebraw kull rebħa, żgħira kemm hi żgħira.
10. Iridu jimtlew b'ħafna paċenzja u determinazzjoni.

Bħala Kappillan, b'mod speċjali matul dan ix-xahar, nixtieq li dawn il-ħsibijiet tal-Papa Franġisku iservuna ta' ispirazzjoni u ta' tingiża biex anke aħna, bħala parroċċa, naraw x'nistgħu nagħmlu aktar milli x'nistgħu ngħidu.

***L-Assemblea Parrokkjali: Laqgħa dwar il-Ħajja tal-Parroċċa***

Għalhekk nistedinkom biex tiġu u ssemmgħu leħenkom dwar dan li nistgħu nagħmlu fl-Assemblea Parrokkjali, li din is-sena ser issir nhar il-Ġimgħa 14 ta' Novembru fis-7:15pm, fil-Knisja Parrokkjali stess. Din il-laqgħa tkun miftuħa mhux biss għall-membri tal-għaqdiet tal-parroċċa imma hi għal kull min f'Ħal Safi għandu interess fil-ħajja tal-Knisja. Kulħadd għandu d-dritt u d-dmir jiġi u jissuġġerixxi x'għandna nagħmlu biex flimkien inkomplu nimxu 'l quddiem. L-ideat ta' kulħadd, anke jekk limitati, ikunu apprezzati. Jiena, bħala kappillan, flimkien mal-kunsill parrokkjali, nixtieq *feedback* biex infittxu u nagħmlu dak li jħalli l-ġid tassew u li jimla lil qalbna bil-ferħ tal-Vanġelu.

Niltaqgħu

***Dun David Farrugia***

---

***IEQAF u AĦSEB***

## X'inhi l-Mewt?



Waqt li kien ħiereġ mis-sala fejn kien eżaminat,
raġel marid dar lejn it-tabib tiegħu u qallu:
"Dot, imma jien nibża' li ser immut.
Għidli x'hemm in-naħa l-oħra!"

B'mod kalm it-tabib lissen: "Emminni, ma nafx."

"Kif? Inti nisrani u ma tafx x'hemm wara l-mewt?"

It-tabib kien qed iżomm il-pum tal-bieb;
min-naħa l-oħra beda jinstema ħoss ta' qrid,
U kif fetaħ il-bieb tfaċċa kelb li qabeż fuqu u beda juri l-ferħ tiegħu.

It-tabib dar lejn il-pazjent u qallu: "Rajtu l-kelb tiegħi?

Qatt ma kien daħal hawn ġew qabel. Ma kienx jaf x'hawn f'din il-kamra.

Ma kien jaf xejn ħlief li sidu kien qiegħed hawn, u meta l-bieb infetaħ,
hu daħal mingħajr biża'.

Jien ftit li xejn naf x'hemm in-naħa l-oħra tal-mewt, imma naċċertak minn ħaġa ...
Jien naf li Sidi qiegħed hemm u dan hu biżżejjed għalija."





# *Ħsieb tal-Kappillan fil-Bidu tal-Ħidma Pastorali tiegħu nhar il-Ħadd 5 ta' Ottubru 2014*

**Salm 111(110): 1**
***Irrodd ħajr lill-Mulej b'qalbi kollha, fil-laqgħa tat-tajbin flimkien miġbura.***




Eċċellenza, ħuti fis-saċerdozju, għeżież familjari u ħbieb, għeżież Ħal Safin:

Dawn kienu l-ewwel preċiżi kelmiet li lissint fil-bidu ta' talba li għamilt nhar l-Imnarja ta' din is-sena minn fuq dan l-istess Ambone, hekk kif ġejt f'Ħal Safi għall-ewwel darba, bħala Kappillan nominat għal din il-parroċċa, u sellimt lill-komunita' nisranija miġbura hawn għall-festa tal-Qalb miftuħa beraħ għalina ta' Kristu Ġesu'.

Ippermettuli f'dan il-messaġġ qasir nħeġġiġkom bil-grazzja li tani Alla biex bħala parroċċa:

1. **Ma nieqfux irroddu ħajr lill-Mulej**
   Isqof, saċerdot, nisrani, komunita', parroċċa, li tieqaf milli tirringrazzja lil Alla, speċjalment bil-quddiesa, l-akbar att ta' tjubija u ġenerożita' li Alla għamel b'risq kull bniedem, u l-akbar att ta' ringrazzjament u apprezzament li aħna nistgħu noffru lil Alla, tirriskja titkabbar, tissuppervja, tiddejjaq, tiddispra.
   *Bħala nsara, bħala parroċċa, nemmen li rridu nirriskjaw aktar il-ħin tagħna biex niskopru aktar il-qawwa u l-barka tal-quddiesa ta' kuljum, aħna min aħna u aħna fejn aħna f'ħajjitna, għax b'hekk niskopru kemm il-ħajja hi rigal ta' Alla.*

2. **Ma niddejqux, ma nibżgħux, anzi nitħeġġu biex niltaqgħu, ninġabru flimkien f'Ismu**
   Mil-laqgħat ta' Alla mal-bniedem nibtet is-salvazzjoni, u mil-laqgħa tal-bniedem ma' Alla tikber il-qdusija. Biex niltaqgħu u ma naħlux ħin, jew la nweġġgħu aħna u lanqas lill-ħaddieħor, irridu nitgħallmu nkunu onesti magħna nfusna u nuru mogħdrija ma' ħaddieħor.
   *Bħala nsara, bħala parroċċa, nemmen li rridu niskopru kif niltaqgħu flimkien ħalli b'fiduċja naqsmu l-esperjenzi tagħna ta' kif Alla qed ikellimna u jaħdem fina: nitgħallmu nisimgħu lil xulxin u nitolbu flimkien.*

3. **Ngħixu t-tjubija b'qalbna kollha**
   Ma jiswielna xejn li nkunu nsara, aħseb u ara saċerdoti, jekk dak li Alla għamel għalina u li saħansitra qed jafdana bih, ma neħduhx bis-serjeta' u ma nagħmlux ħilitna biex inpoġġuh fil-prattika bħalu, speċjalment ma' dawk li niltaqgħu magħhom fl-għixien ta' kuljum.
   *Bħala nsara, bħala parroċċa, nemmen li rridu nbatu aktar biex nagħmlu t-tajjeb u biex nwasslu l-ġenerożita', il-ħniena ta'*